# L-Investiment Dirett f'Malta u Barra: Jannar-Ġunju tal-2023

**NR028/2024** **Data tal-Ħruġ: 15 ta' Frar 2024** **Data tal-Għeluq: 12 ta' Frar 2024**

*Fi tmiem Ġunju 2023, il-pożizzjoni tal-istokk tal-Investiment Dirett Barrani f'Malta kienet ta' €477.9 biljun, filwaqt li l-Investiment Dirett Barra minn Malta laħaq l-€461.3 biljun.*



**L-Investiment Dirett Barrani (FDI) f'Malta**

Fl-ewwel sitt xhur tas-sena li għaddiet, l-investiment dirett barrani f'Malta kien stmat li laħaq €9.9 biljuni. Il-kontributuri ewlenin kienu l-Attivitajiet finanzjarji u tal-assigurazzjoni b'sehem sħiħ ta' 88.8 fil-mija (Tabella nru 2).

F'Ġunju 2023, il-pożizzjoni tal-istokk tal-investiment dirett barrani ammontat għal €477.9 biljun, żieda ta' €36.1 biljun fuq l-istess żmien tas-sena ta' qabel. L-Attivitajiet finanzjarji u tal-assigurazzjoni kellhom l-akbar sehem u kienu jammontaw għal 97.6 fil-mija tal-istokk reġistrat f'Ġunju 2023 (Tabella nru 3).

**L-Investiment Dirett Barra minn Malta**

Fl-ewwel sitt xhur tal-2023, l-investiment dirett barra mill-pajjiż laħaq b'kollox €10.0 biljuni, l-aktar fl-għamla ta' ishma/unitajiet ta' fondi ta' investiment (Tabella nru 4).

Il-pożizzjoni tal-istokk tal-investiment dirett barra mill-pajjiż kienet ta' €461.3 biljun f'Ġunju 2023, żieda ta' €32.5 biljun fuq il-qagħda tal-2022. L-Attivitajiet finanzjarji u tal-assigurazzjoni kienu jagħmlu 99.5 fil-mija tal-investiment dirett barra mill-Pajjiż (Tabella nru 6).

## Ċart nru 1. L-Investiment Dirett f'Malta u Barra

Il-pożizzjonijiet tal-istokk fl-aħħar ta' Ġunju

